MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 128/2004

Kawza fil-lista:  41

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fl-24 ta’ April 1991, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att taz-Zwieg numru 421/1991, hawn anness u mmarkat bhala Dok. MB1;

U premess illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti kellhom tifel wiehed biss li huwa minorenni u jismu E;

U premess illi l-kontendenti ilhom de facto separati minn xulxin ghal cirka tmin snin;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza;

U premess illi l-kunsens tal-attur inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr effett fil-Ligi;

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' April 1991 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-ebda wahda mir-ragunijiet li qieghed jadduci l-attur bhala bazi ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet ma tirrizulta fil-konfront ta' l-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta' April 1991 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dak taz-zewg kontendenti kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-istess artikolu.

Minn naha taghha l-konvenuta cahdet dak imputat lilha da parti ta' l-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta' April 1991 meta allura l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 20 sena u wara li kien ilhom jiffrekwentaw lil xulxin erba [4] snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fit-23 ta' Frar 1993; izda fis-sena 2003[1] il-partijiet isseparaw de facto fis-sens li ma' baqghux joqghodu that l-istess saqaf. Illum l-attur ghandu relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra.

Illi l-attur jilmenta mill-fatt li waqt il-perijodu ta' erba snin qabel iz-zwieg huma kienu jkunu kwazi dejjem fil-kumpanija tal-familjari tal-konvenuta, tant li "hin wahedna rarissimu kien [ikollna]"[2] Huwa ghalhekk jghid li meta l-partijiet izzewgu ma kienux jafu lil xulxin sew. Huwa jghid li f' dan il-perijodu kienu jinnamraw, izda ma kellhomx relazzjonijiet sesswali.

[1] Dep. Fol.62
[2] Dep. Fol.40 *et seq.*

L-attur jghid li l-ewwel sentejn ta’ zwieg “konna qed nghixu minghajr problemi, pero’ minn mindu kien hemm it-tifel fin-1993 bdew ifaqqghu l-problemi.”[3]; liema problemi wasslu sabiex meta t-tifel kellu “madwar sentejn”, u ghalhekk fis-sena 1995, il-konvenuta bdiet torqod flimkien ma’ binhom fl-ispare bedroom u baqghet torqod hemm tul il-kumplament tal-konvivenza matrimonjali.

Huwa jsemmi bhala “problema kbira” “is-support ta’ missierha” ghax il-konvenuta filli taqbel ma’ l-attur u filli jsir dak li jghid missierha. Fonti ta’ inwkiet iehor li jsemmi l-attur huwa l-fatt li, meta t-tifel kellu xaharjen, il-konvenuta bdiet tmur tahdem fis-salon ta’ missierha u kienet irrangat biex nhar ta’ Tlieta it-tifel thallih ma’ nannitha, filwaqt li s-Sibt kienet thallih ma’ ommha, u l-attur jghid “jiena hawnhekk m’ accettajtx dawn l-affarijiet.” Problema ohra li jsemmi l-attur hija li wara t-twelid tat-tifel ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu bdew jonqsu peress li, skond hu, il-konvenuta kellha “biza’ kbira” li terga’ tinqabad tqila u kienet tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg; filwaqt li l-attur minn naha tieghu kien rrifjuta s-suggeriment taghha li juzaw il-preservattivi. Huwa jghid: “Imbaghad twieled it-tifel, u nista’ nghid rigward l-att sesswali, ma jezistix aktar.”[4] Huwa jghid li r-riluttanza ta’ martu li jkollha xtaqsam mieghu kienet iddejqu ghax “l-isvog tieghi qatt ma stajt niehdu kif ghandu jkun.”[5]

L-attur jispjega li huwa kien baqa’ jghix taht l-istess saqaf ma’ martu ghax ried igawdi lil ibnu. “Ghidt jien, jekk ser nitlaq it-tifel lanqas biss ikun jafni. Iddecidejt li naghmel sagrificcju u nistenna t-tifel jilhaq jibda jimmatura, speci jidhol fis-socjeta’.”

Huwa jghid li meta nqalghu l-problemi bejniethom, l-konvenuta kienet tohrog darba jew darbtejn fil-gimgha u tidhol fit-3.00 am u gieghli anke fl-4.00 am, u kif isaqsiha fejn marret ma kinitx taghtih sodisfazzjon ta’ xejn.

---

[3] Ibid. fol.41
[4] Ibid. fol.51
[5] Ibid. fol.53

L-attur jirrakkonta incident li sehh fis-sena 2000 meta l-konvenuta qabditu jitbewwes ma' impjegata tieghu. L-attur jispejga li, wara ikla tax-xoghol, "konna r-Radisson, fil-garage hrigt biex inwassal impjegati tieghi fejn il-karrozza, u din riditni nbusha bilfors, u qabdet tghannaqni .. din hatfet mieghi, qabdet tghannaqni, u nsib lil mara thabbat mat-tieqa, fethet il-bieba tal-karrozza" u bdiet tghajjat. Huwa jikkonferma li dakinhar il-mara, li kienet akkompanjata bit-tifel, "deheret li haditha bi kbira" u z-zewg nisa qabdu jiggieldu fizikament; kienu zewg nisa "jgebbdu u jaghtu f' xulxin."[6]

Illi l-attur jghid li fis-sena 2003 circa, meta t-tifel kellu 10 snin huwa telaq mid-dar, u wara ftit dahal f' relazzjoni ma' mara ohra.

Illi l-konvenuta[7] minn naha taghha tghid li l-problemi bdew "wara qisu sentejn, wara li kelli t-tifel" u allura fis-sena 1995. Hi tghid li "jiena ma kellix x' ingerger minnu u hekk, konna naqblu fl-gherusija, imbaghad kien hemm certu affarijiet li jiena ma kontx nafhom." Dawn kienu li l-attur kien imur il-kazin u ma kienx isib hin ghaliha u ghat-tifel, u kien ihallihom wahedhom. Kien johrog ghax-xoghol fis-7.00 pm u jigi lura filghaxija gieli fid-9.00 pm; izda lilha ma kienx jaghatiha sodisfazzjoni ta' x' kien jaghmel, avolja l-paga kien jaghtihielha xorta.

Tghid li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom damu "sentejn qisu" ghax sussegwentement "qisna tbeghdna minn xulxin ghax anke t-tifel jorqod f' nofsna."

Illi wara l-incident fuq indikat, il-konvenuta tghid li hi kienet haditha bil-kbira peress li kienet tafdah, u sussegwentement fis-sena 2002 huwa kien beda jiddecidi li jitlaq mid-dar. Fil-fatt jidher li telaq fis-sena 2003.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi qabel xejn il-Qorti tikkonsidera opportuna l-osservazzjoni li hi ghandha riservi serji kemm hija veritiera

[6] Ibid. fol.63

[7] Dep.66 *et seq.*

l-allegazzjoni tal-partijiet li dawna kienu jghixu separatament fl-istess dar minn ftit xhur wara li twieled it-tifel fil-23 ta' Frar 1993; liema allegazzjoni tinsab imdghajfa mir-reazzjoni aggressiva tal-konvenuta meta fis-sena 2000 kienet qabbdet lill-attur f' sitwazzjoni kompromettenti ma' l-impjegata tieghu, u allura circa sitt [6] snin wara li dawn kienu ilhom suppost jghixu separati minn xulxin.

Illi pero' jirrizulta assodat u konfermat miz-zewg partijiet li l-ewwel sentejn ta' zwieg ma kienx hemm problemi. L-attur jikkonferma li f' dan il-perijodu "konna qed nghixu minghajr problemi." Dan il-fatt ampjament sostnut mill-provi, ghandu relevanza qawwija ghall-finijiet ta' l-ezami odjern, stante li dak li huwa krucjali huwa l-istat mentali u s-sitwazzjoni taz-zewg partijiet fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, filwaqt li provi rigwardanti s-sitwazzjoni, kemm qabel kif ukoll ftit wara z-zwieg, huma relevanti biss in kwnatu jistghu jitfghu dawl fuq il-posizzjoni tal-partijiet f' dak il-mument.

***Vis et metus***
Illi t-tielet kawzali, bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat, mhijiex sostnuta mill-provi. Minn imkien ma jirrizulta li l-partijiet, jew parti minnhom kienet kostretta li tizzewweg minhabba vjolenza jew biza; anzi l-provi juru li l-partijiet kienu kuntenti bhala koppja kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll, ghal certu perijodu wara z-zwieg. Huma riedu jizzewgu, u l-kunsens matrimonjali taghhom nghata liberament.

***Qerq***
Illi l-anqas ir-raba kawzali, bazata fuq il-paragrafu [c] ta' l-istess artikolu, ma tirrizulta sostenuta mill-provi; stante li ma jirrizultax li l-konvenuta kellha xi kwalita' inerenti fiha li setghet tkun ta' tfixkil, jew li fixklet serjament il-hajja mizzewga. Di fatti l-ewwel sentejn taz-zwieg kienu minghajr problemi.

***Simulazzjoni***
Illi l-anqas it-tieni kawzali, bazata fuq il-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat ma tirrizulta provata, stante li ma jirrizultax

li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet jew xi parti minnhom eskludew xi obbligazzjoni essenzjali ghaz-zwieg. Di fatti fl-ewwel sentejn il-partijiet ghexu f' konvivenza matrimonjali "minghajr problemi" diretta lejn il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied, tant li fit-23 ta' Frar 1993 twieled it-tifel tal-partijiet.

***Anomalija Psikologika***
Illi l-istess jinghad ghat-tieni parti ta' l-ewwel kawali bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d], stante li minn imkien ma rrizulta li l-partijiet, jew parti, kienu affetti minn anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

***Discretio iudicii***
Illi l-ewwel parti ta' l-ewwel kawzali, bazata fuq l-ewwel parti tad-dispost tal-paragrafu [d] timmerita ezami aktar approfondit.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li matul iz-zmien tal-gherusija "ahna zmien veru fejn sirna nafu lil xulxin ma kellnhiex [u] li meta ahna zzewwigna konna ghadna zghar wisq. Jiena kelli 21 [sena] biss u llum nirrealizza li dak iz-zmien ma kontx naf ezattament x' jimporta z-zwieg, u kwindi qatt ma stajt assumejt fuqi l-obbligi taz-zwieg."[8]

Illi in tema legali jigi osservat li jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju]. Inoltre, li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet

[8] Fol.36 *et seq.*

bizzejjed jew ma tkun irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fil-paragrafu precitat, jehtieg li jkun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li parti tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta tal-ghazla u li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

Illi fil-kaz in disamina, dan il-caput nullitatis kif fuq koncepit ma jirrizultax provat; ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet ma kienux fehmu d-drittijiet u l-obbligi tal-hajja matrimonjali; jew kienu daqshekk immaturi li ma kellhom certu dixxerniemnt ta' l-import tal-hajja konjugali. Di fatti fl-ewwel sentejn taz-zwieg il-partijiet ghexu l-hajja matrimonjali minghajr problemi. Huma kkonvivew u pprokreaw, u anke sussegwentement, issodisfaw l-obbligu taghhom li jrabbu lit-tifel taghhom f' atmosfera ta' mhabba fil-konfront tieghu, anke meta r-relazzjonijiet bejniethom kienu qed jibirdu. Di fatti l-attur jghid li ma riedx li jitlaq mid-dar qabel, proprju sabiex jilhaq jibni relazzjoni ta' missier mat-tifel. Ghaldaqstant jirrizulta manifest li meta zzewgu, il-partijiet, ghalkemm zghar fl-eta', kienu konxji tad-drittijiet u obbligazzjoni taz-zwieg.

Apparti minnhekk, il-fatt li fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg il-partijiet kellhom l-eta' permissibbli mill-ligi sabiex jikkuntrattaw zwieg, jikkrea favur taghhom il-presunzjoni favur id-disrezzjoni ta gudizzju biex jizzewgu, liema presunzjoni ma gietx ribattuta bi provi kuntrarji.

Jigi osservat ukoll li, ghalkemm jirrizulta li matul iz-zwieg zviluppaw problemi bejn il-partijiet li wassluhom ghas-separazzjoni personali, dawn il-problemi ma jissodisfawx

l-estremi ta’ l-annullament li huma differenti minn dawk tas-separazzjoni personali.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li z-zwieg huwa **wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta’** u bla dubju ta’ xejn huwa ta’ ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss. Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta’ u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m’ ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta’ bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta’ pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa’ fis-sehh.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex gustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha;.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------